MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 60/2010

**Appell Nru. 60/2010**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Anna Simiana**

**Illum 18 ta' Gunju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghamlet xoghol go triq gdida li qeghda go Dr. N. Zammit Street, Siggiewi, mhux skond approvat il-linja tal-P.A.P.B.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 17(1)(2)(3) tal-Kap. X (Kodici tal-Pulizija) li kien vigenti fid-data ta' meta sar l-allegat reat u l-artikolu 63 tal-Att dwar l-Ippjanar li bih il-proceduri li nbdew qabel

it-tali Att qisietu bhala validi sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha w ikkundannatha thallas multa ta’ €232.94 kif ukoll ordnatilha sabiex fi zmien ta’ tliet xhur twaqqa’ dik il-parti tal-bini kollha li hija mibnija mhux skond il-linja ufficjali. Jekk l-appellanti tonqos li twaqqa’ l-bini mhux skond il-linja ufficjali fiz-zmien moghti lilha, hija tkun suggetta ghall-kundanna ta’ hlas ta’ multa ta’ €58.23 kull jum sakemm jitwaqqa’ l-bini li mhuwiex mal-linja tal-bini ufficjali.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-22 ta’ Frar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla w bla effett fil-ligi, subordinatament u minghajr pregudizzju tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta w kwindi tilliberaha skond il-ligi u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, f’kaz biss ta’ sejbien ta’ htija, ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli, tirriforma s-sentenza appellata billi thassar l-ordni ghat-twaqqiegh tal-bini.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-ewwel lok u bir-rispett l-esponenti tinvoka n-nullita` tas-sentenza stante difett procedurali fl-atti. Illi fit-30 ta` Marzu 1988 il-komparixxi harget kontra l-persuna ta` Anna Bonello. Kif wiehed jista josserva, f’xi zmien mhux maghruf, fuq l-istess komparixxi u wara l-isem Anna Bonello, giet mizjuda l-kelma *Simjana*. In effetti mbaghad l-okkju tal-kawza, minn xi zmien, beda jaqra Anna Simiana (mhux *Simjana* kif inserita fil-komparixxi).

Illi ma jidher minn imkien fl-atti ta` dan il-procediment li ntalbet mill- prosekuzzjoni xi forma ta` korrezzjoni jew zieda. Illi bir-rispett, dan hu difett procedurali tali li bhala konsegwenza igib mieghu in-nullita` tal- process u konsegwentement in-nullita` tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti bir-rispett tinvoka n- nullita` tas-sentenza minhabba li hija giet imcahhda milli tressaq prova indispensabbli wara li hija ntavolat rikors appositu nhar il-5 ta` Frar 2010 fejn talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza appuntu sabiex hija tinghata l-opportunita` tressaq tali prova indispensabbli.

Illi bis-sahha tal-imsemmi rikors tal-5 ta` Frar 2010 l-esponenti informat lill-Ewwel Onorabbli Qorti li effettivament kienet tezisti procedura bir- referenza PC/INC/179 quddiem l-Awtorita`, procedura specjali li l-ezitu taghha potenzjalment seta` kellu jew jista jkollu effett fuq il-mertu tal- proceduri. L-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet dan ir-rikors u mbaghad ghaddiet ghas-sentenza taghha. Fl-istess sentenza ssir emfazi ghal dak li jghid ix-xhud tal-prosekuzzjoni Gordon Schembri fejn qal illi huwa ma sab xejn fid-*data base* tad-dipartiment (riferibbilment ghal xi applikazzjoni). Dan il-fatt jikkontrasta sew ma dak allegat mill-esponenti fir-rikors taghha tal-5 ta` Frar 2010 u ma dak li jghid l-istess Gordon Schembri f'okkazjoni ohra meta jghid li in effetti kienet dahlet applikazzjoni (ara x-xhieda tat-12/02/2007). L-istat xejn felici dwar dan il-punt ikompli jikkomplika ruhu meta wiehed jara sew l-atti ta` dan il-procediment. Fil-verbal tas-seduta tat-8 ta` Ottubru 1992 sar accenn ghal xi decizjoni tal-bord dwar *alignment*. Fil-verbal tas-seduta tal-10 ta` Novembru 2003 ir-rappresentanti tal-MEPA Dr. Tony Vella (illum elevat ghall-Magistratura) u PL Joe Catania jaghmlu accenn ghall- applikazzjoni pendenti GF648/94. Jekk wiehed jidhol *funditus* fuq dan il- punt isib aktar diskrepanzi dwar l-istess.

Illi allura huwa f'dan il-kuntest li t-talba tal-esponenti permezz tar-rikors tal-5 ta` Far 2010 tiehu dimensjoni aktar pezanti u tintitolha tissottometti, dejjem bl-akbar rispett, li c-cahda tal-ewwel Onorabbli Qorti ggib bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponenti umilment tissottometti illi dan il-process huwa kolpit

minn stat konfuzjonali fil- rizultanzi processwali tali li allura, a bazi tar-regoli tal-procedura penali, ma jistax jinghad li l-provi tal-prosekuzzjoni jwasslu sodisfacentement sal-grad rikjest mil-ligi sabiex tista tinstab il-htija. U dan l-istat xejn felici fir-rizultanzi processwali necessarjament iqajjem diversi mistoqsijiet.

Dwar liema **persuna** qed nitkellmu?

Dwar liema **applikazzjoni / permess** qed nitkellmu?
Dwar liema **Triq** qed nitkellmu?

a. Lura fl-1991, precizament nhar il-11 ta` Ottubru 1991, Joe Camilleri, *Building Inspector*, jghidilna li kellna applikazzjoni minghand certu Manuela Bonello ta` 50, Blat il-Qamar Road, Siggiewi fejn il-permess hareg pero` rrizultalna illi l-imputata bniet barra mill-linja.

Issa, bl-akbar rispett, jinghad li mill-bidu nett ta` dan il-process, is- sitwazzjoni kienet wahda konfuzjonali. Jekk ix-xhud qed jirreferi ghall- imputata bhala Manuela Bonello, tezisti problema. Ghaliex l-imputata mhijiex Manuela Bonello u qatt ma kellha xi konnessjoni mal-fond 50, Blat il-Qamar Road, Siggiewi. Fi kliem iehor, dan ifisser illi x-xhud qatt ma ltaqa mal-imputata odjerna. U probabbilment lanqas qatt ma ltaqa ma Manuela Bonello! Hu qed jixhed biss fuq id-dokumenti.

Jghidilna l-istess xhud illi l-post li jmiss ma ta` l-imputata li qieghed mal- kantuniera inbena ricentement. Min hi l-imputata ghal dan ix-xhud? Manuela Bonello, l-applikanti jew l-imputata li deheret quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti?

Jekk dan ix-xhud qed jaghmel referenza ghad-dokumenti u jghidilna illi l-kaz ta` l-"Imputata" huwa 133/677/85, kif ma jghidilnix x'isem qed jirrizultalu fid-dokumenti li fuqhom qed jibbaza x-xhieda tieghu. U jekk minn dawk id-dokumenti qed jirrizulta l-isem ta` Manuela Bonello, dan fejn jista jwassal fil-konfront tal-esponenti?

Ftit aktar minn sena wara, precizament fl-10 ta` Dicembru 1992, l-istess xhud Joseph Camilleri, ghall-ewwel darba jsemmi l-isem ta` Anna Simiana, pero` din id-darba ma jirreferixxix ghalieha bhala l-imputata.

Din il-kwistjoni ta` dwar min u dwar liema applikazzjoni qed nikellmu hawnhekk tkompli tipperturba lill-esponenti. Fl-ittra tal-Perit Emanuel Zammit datata 23/01/1988 issir referenza ghal 5/88/677/85 u ghall- persuna ta` Anna Bonello. Mill-kopja tal-Applikazzjoni ghall-Permess tal- Bini u tal-Linja nru 677/85 datata 31/01/1985 jirrizulta l-isem ta` Anna Bonello. Minkejja dan, ix-xhud Joe Pace (li jirreferi ghall-applikazzjoni nru 677/85) fix-xhieda tieghu tat-13/02/2006 isemmi li l-applikazzjoni saret minn Anna Simiana. Din hija konkluzjoni gratuwita` da parti tax- xhud ghaliex effettivament, kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni esebita, l-isem ta` Anna Simiana ma jirrizultax.

Fatt iehor mhux ta` ftit importanza hu illi x-xhieda Jonathan Orlando, Gordon Schembri u Mario Briffa,li xhedu mhux anqas minn tmien darbiet bejniethom, hadd minnhom ma jsemmi dettaljatament ghal liema fond, ghal liema applikant jew ghal liema *file* qed jirreferu. Apparti li dawn ix-xhieda, f’certu istanzi, jikkontradicu lil xulxin. Per ezempju, Jonathan Orlando nhar it-2 ta` Lulju 2004 (apparti li ma jghidilniex dwar liema file, dwar liema applikant jew dwar xhiex qed nitkellmu) jghidilna li nfetah file dwar *re-alignment* u li ghad ma hemmx ezitu. Minn naha l- ohra Gordon Schembri, fit-12/02/07 jikkonferma dan izda mbaghad jikkontradici lilu nnifsu nhar il-15/02/08 u nhar l-10/10/08 (apparti wkoll li dan ix-xhud qatt ma jghidilna dwar liema fond, jew persuna, jew Triq qed nitkellmu).

Bir-rispett, dan kollu jfisser li ghadna mhux cari dwar min hija l-persuna koncernata – jekk hijiex Manuela Bonello ta` 50, Blat il-Qamar Road, Siggiewi, jekk hijiex Anna Bonello ta` “St. Francis”, Blat il-Qamar Road,

Siggiewi, jew hijiex Anna Simiana ta` "Anary", Hesri Valley, Siggiewi.

Bl-akbar rispett, dan mhuwiex il-mod rett ta` kif ghandha ssir l- identifikazzjoni tal-persuna idonea, aktar u aktar meta Qorti ta` Gudikatura Kriminali tigi msejjha sabiex tanalizza l-process u jrid isir ezami dwar ir-reita` o meno ta` persuna.

a. Illi minghajr pregudizzju ghall-argumentazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-persuna b'mod xieraq, l-esponenti tissottometti illi l-kaz jippostula diffikulta` ohra mhux facilment sormontabbli. Jista wiehed, b'mod inekwivoku, jiddetermina liema Triq u/jew sit u/jew fond qed tindirizza il- kawza odjerna.

Li hu zgur hu, jekk tista ssejjahlu zgur, illi meta nharget il-komparixxi nhar it-30 ta` Marzu 1988, kienet tezisti t-Triq Hesri Valley (ghax dan hu l-indirizz li wiehed isib fost il-partikolaritajiet tal-imputata Anna Bonello) u kienet tezisti t-Triq Blat il-Qamar (ghax hekk jghidilna Joe Pace *Land Surveyor* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fix-xhieda tal- 10/12/92). Mela allura, la darba ttiehdet id-decizjoni li l-imputazzjoni taqra Triq Gdida go Dr N. Zammit Street, meta t-toroq Hesri Valley u Blat il-Qamar kienu gia jezistu, ghal liema triq qed nirreferu hawnhekk? Wiehed irid jipprova jsib ir-risposta fl-atti processwali, minghajr ma wiehed jissostitwixxi l-prova (anki jekk din hija konfuzjonali) b'konkluzjoni li ma tkunx deducibbli serenement mill-atti nnifishom.

Joseph Camilleri, fix-xhieda tieghu tal-11/10/91 jirreferi ghall-applikanti bhala Manuela Bonello ta` 50, Blat il-Qamar Road, Siggiewi. Ma jsemmi xejn specifiku dwar liema triq jew sit jew fond qed jitkellem. Jista wiehed jipprezumi li qed jitkellem dwar it-Triq Blat il-Qamar?

Ix-xhieda Jonathan Orlando, Gordon Schembri u Mario Briffa ma jaghmlux l-icken accenn ghal xi triq jew fond jew sit partikolari minkejja li dawn ikunu qed jixhdu mill-*file* koncernat (wiehed irid jara jekk il-*file* koncernat

jirreferixxix ghall-applikanti Manuela Bonello – l-applikanti originali skond ix-xhud Joe Camilleri).

La Joe Pace fix-xhieda tieghu tat-13 ta` Far 2006 u l-anqas Victor Borg Fiorentino fix-xhieda tal-24 ta` April 2006, ma jsemmu xi fond jew sit jew binja jew triq partikolari.

Matul il-process gew esebiti zewg pjanti wahda *survey of road width as existing on* 29/03/94 bl-isem tal-Perit Joseph Cassar fuqha u ohra mmarkata *true copy* 16/02/91. Hadd ma jaf min ipprezenta dawn id-dokumenti, x'jista jinghad dwar l-awtenticita` taghhom u sa fejn jistghu ikunu utili ghall-imputazzjoni kif dedotta. Meta wiehed iqabbel il-pjanta esebita minn Gordon Schembri nhar it-13 ta` Frar 2006 dok GS, din tikkontrasta mal-pjanta gia msemmija li fuqha hemm l-isem tal-Perit Joseph Cassar. U jekk wiehed irid ikompli jitfixkel isib illi dak kollu li qed jipprovaw jghidu x-xhieda tal-prosekuzzjoni bis-sahha ta` dawn il-pjanti ma hu xejn konfortat mal-identifikazzjoni **tas-sit** li jaghmel ix-xhud Victor Borg Fiorentino permezz tal-pjanta minnu esebita nhar l-24 ta` April 2006 bhala dok VBF1 jew VF1. Is-sit identifikat f'din il-pjanta ma huwiex is-sit identifikat fi pjanti ohra. Ghalhekk tizviluppa l-problema ta` liema hija t-triq *de quo*.

Illi pero`l-aktar xhieda mportanti in materja ta` ezami hija appuntu d-depozizzjoni ta` Joe Pace – *Land Surveyor* mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici – ta` nhar l-10 ta` Dicembru 1992. Zgur li dak iz-zmien kien aktar qrib is-sena 1987-1988 u allura l-memorja u l-file koncernat (wiehed jipprezumi li l-*file* kien fi stat anqas konfuzjonali) kienu aktar utili. Dan ix-xhud huwa kategoriku u ma hu kontradett minn hadd, l-anqas minn xhieda ohra tal-prosekuzzjoni. Hu jghid b'mod car u inekwivoku illi huwa kien mar fuq ***is-sit gewwa Blat il-Qamar Road***, Siggiewi. Hu qed jixhed mill-*file* tieghu.

L-esponenti qatt ma kellha propjeta` jew kellha l-propjeta` ta` xi sit gewwa Triq Blat il-Qamar.

Gara x'gara f'dan il-process, ir-realta` hi li l-provi u l-fatti kif gew impoggija ma jaghtux sostenibilita` lill-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni kif maghmula bis-sahha tal-imputazzjoni migjub fil-komparixxi *de quo*. Bir-rispett, Qorti ta` Gudikatura Kriminali, bl-applikazzjoni stretta tal-principji u regoli tal-process kriminali, rinfaccjata b'dan il-kwadru ta` fatti u provi, ma tistax legalment u ragonevolment tilhaq il-grad rikjest mill-ligi sabiex tippronunzja l-htija fuq l-esponenti.

a. Illi minghajr pregudizzju, hekk ukoll jinghad pero`, in linea generali, dwar il-kontenut tax-xhieda ta` Joe Pace ta` nhar it-13 ta` Frar 2006 u ta` Victor Borg Fiorentino tal-24 ta` April 2006. Bl-akbar rispett, meta wiehed jaqra dettaljatament id-depozizzjoni ta` dawn iz-zewg xhieda isib illi minnhom innifishom iz-zewg depozizzjonijiet huma nieqsa mill-valur probatorju necessarju fil-kamp penali meta fil-kaz odjern, in pessima ipotezi, l-esponenti, bhal kull persuna ohra rinfaccjata b'imputazjoni simili, tista tigi karcerata b'mod effettiv. U ghalhekk fil-process penali ma nistghux nistriehu fuq informazzjoni superficjali, jew fuq nofs informazzjoni, jew fuq informazzjoni illi hija biss qrib dak li tixtieq tipprospetta l-prosekuzzjoni, jew addirittura fuq informazzjoni monka, jew fuq informazzjoni tant laxka illi bilkemm twassal sal-grad tal-possibbli jew tal-probabbli.

Ma hux konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja li noqghodu fuq dak li jghidilna x-xhud Joe Pace. Jghidilna li ghamel *alignment* fuq il-post f'Marzu 2005 meta l-kaz presumibbilment imur lura ghas-snin 1985 sa 1988. Jghidilna li qed jixhed fuq minuta li kiena ghamel fl-1987, li kien ta linja fit-30 ta` Dicembru 1987. U jkompli jghid testwalment "…. ***Site plan fil-file ma hawnx imma hawn hekk li hawn site plan hija din li saret issa fit-2005 <u>imma nahseb</u> li dak inhar kienet 2500 l-ischeme li tajna l-linja fuqha ….. fl-1987 morna naghmlu l-linja fuq il-post…***

***Mistoqsija : pero` ma ghandekx pjanta li uzajt dak iz-zmien fl-1987 hux hekk?***

***Twegiba : fil-file mhix attached il-pjanta.***

***Mistoqsija : Imma inti qed tghidli li fl-1987 ma kellekx pjanta. Allura din minn fejn giet?.......***

***Twegiba : dik tigi mill-planning control li hija section ohra.***

***Mistoqsija : imma jiena li mhux qed nifhem huwa dan. Fl-1987 qed tghid li fil-file ma ghandekx pjanta.***

***Twegiba : illum ma ghandhiex fil-file imma dak iz-zmien kelli pjanta zgur.***

***Mistoqsija : kif mhix qehda hawn hekk imma?***

***Twegiba : ma nistax nirrispondi ghax il-file ma jkunx ghadu ghandi….***";

Wiehed ma jridx jinsa li minn dan kollu ma jissemma ebda isem ta` triq, jew identifikat xi sit, jew xi binja jew xi persuna ta` xi applikant. L-istess jinghad ghax-xhieda ta` Victor Borg Fiorentino. Fost affarijiet ohra jghid testwalment "…. ***Le fuq is-site in partikolari ma kienx hemm applikazzjoni ta` planning control, biex tinbidel il-linja***." Mbaghad jesebixxi VBF1 li hija pjanta li presumibbilment qed jixhed dwarha u jghidilna li s-sit huwa identifikat f'tali pjanta. Jekk ser noqghodu fuq din il-verzjoni ta` dan ix-xhud ikollna necessarjament naccettaw illi issa qed nitkellmu fuq parti ohra tas-Siggiewi, ghalkemm qrib it-Triq Blat il- Qamar. Imbaghad ikompli jghidilna testwalment "…. ***Pjanta large scale ….. iktar dettaljata …. Ta` qabel ma nbena l-bini in kwistjoni…***". Wiehed necessarjament jerga jistaqsi, Imma x'bini hu li qed jitkellem fuqu? U dan ghaliex, apparti li ma jsemmi xejn specifiku, jaghmel referenza ampja ghal survey sheets tal-1997, meta l-kawza suppost tirrigwarda dak li seta sehh bejn l-1985 u l-1987, aktar minn ghaxar snin qabel. Huwa evidenti li dan ix-xhud qed jixhed minn fuq dokumenti. U minn fuq *file* li hadd ma jaf ghall-liema persuna, jew ghall-liema binja jew sit gie miftuh.

Bir-rispett allura jinghad illi x-xhieda ta` Joe Pace u ta` Victor Borg Fiorentino ma hijiex dik li fil-kamp penali hija meqjusa tali li fuqha, b'mod konklussiv u inekwivoku, tista tasal ghas-sejbien tal-htija fuq l-imputazzjoni kif dedotta.

a. Illi dan il-kwadru ta` fatti, li fil-fehema umili tal-esponenti huwa ferm konfuzjonali, ma hux tort tal-Ewwel Onorabbli Qorti; lanqas ma huwa tort tal-esponenti jew tal-prosekuzzjoni jew tal-MEPA, izda huwa xejn hlief riflessjoni fidili ta` l-mod laxk kif kienu jsiru l-affarijiet f'dawk iz- zminijiet. U allura rinfaccjata b'dan il-kwadru ta` fatti, Qorti ta` Gustizzja Kriminali ghandha tkun hi t-tarka ghall-individwu imputat quddiemha kontra l-qawwa tal-awtoritajiet. U dana sabiex tassigura li ma ssirx xi ingustizzja mal-individwu -ingustizzja li, mhux ghax tkun mixtieqa imma bhal f'dan il-kaz, tkun aktar il-frott ta` sitwazzjoni laxka u inefficjenti li kienu jahdmu fiha l-awtoritajiet fiz-zmien *de quo* u cioe 1985 u forsi anke snin wara sakemm beda jkun hemm aktar kuxjenza dwar il-htiega ta` kontabilita` mill-awtoritajiet.

Ghalhekk bir-rispett jinghad illi a bazi ta` dawn ir-rizultanzi processwali partikolari, l-esponenti ghandha tigi dikjarata mhux hatja u lliberata skond il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u biss ghall-grazzja tal- argument, *dato ma non concesso* illi l-esponenti hija l-persuna li ghandha tirrispondi ghall-imputazzjoni odjerna, jigi sottomess bir-rispett illi l-imputazzjoni dedotta hija delitt (tant hu hekk illi l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet is-sanzjoni tal-multa) u ghaldaqstant, sabiex tinstab il- htija jehtieg li jirrizulta l-element intenzjonali – l-element intenzjonali generiku li persuna taf u trid tikser il-ligi. Bl-akbar rispett jinghad li minn qari akkurat tar-rizultanzi processwali dan l-element hu mankanti. Mhux talli l-prosekuzzjoni ma hasbitx dwar dan l-element jew ma deherilix li ghandha taghmel xi haga fil-konfront ta` dan l-element (hadd ma jghid li, lura fis-snin 1985, 1986, 1987 u 1988, iltaqa mal-esponenti, jew li iddiskuta l-permess maghha, jew li iddiskuta xi linja ta` bini), izda gie ppruvat sal-grad almenu tal-probabbli, li (i) l-esponenti bniet skond l-*alignment* li kien gie mmarkat mis-surveyor tal-PWD, liema *alignment* jikkonforma mal-linja tal-bini ezistenti fl-istess triq (ara ittra tal-Perit Emanuel Zammit datata 23/01/1988), u (ii) l-esponenti, mara tad-dar u zgur

mhijiex kompetenti fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni, inkarigat persuna teknika, f'dan il-kaz lill-Perit Emanuel Zammit, kif inhu obbligat li jaghmel kulhadd fl-istess sitwazzjoni, sabiex jiehu hsieb f'sens ampju l-kostruzzjoni u dak kollu marbut ma tali attivita`. Tant hu hekk illi wiehed necessarjament irid jaqra sew id-dikjarazzjoni tal-perit li tinsab fil-Kopja tal-Applikazzjoni ghall-Permess tal-Bini u tal-Linja numru 677/85 datata 31/01/85 u senjatament "*Jiena l-imsemmi Perit, niddikjara li niehu t-tmexxija u r-responsabbilita` ghax-xoghol riferut f'din l-applikazzjoni skond l-artikolu 85(p) tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap 13) u niddikjara wkoll li l-informazzjoni moghtija f'din l-applikazzjoni u fil-pjanti hawn mehmuza hija korretta*;

Illi fl-isfond tal-fatt li l-esponenti ma tifhem xejn fil-process tal-bini, ma tifhem xejn x'ghandu jsir meta ghandu jsir xi kostruzzjoni, ghamlet b'mod matur l-ghazla korretta u legittima, u cioe` li tinkariga persuna idonea biex tiehu l-process kollu f'idejha – inkarigat Perit Arkitett. Veru li forsi l-obbligazzjonijiet ma jieqfux hemm izda in mankanza ta` prova illi hija, minn meta inkarigat Perit, xorta baqghet tiehu xi decizjonijiet jew li hija b'xi mod li jkun kienet fizikament involviet ruhha fl-izvilupp, allura certament illi ma jistax jinghad li l-azzjoni taghha, sa fejn din tirrizulta, ghandha tkun kolpita bil-ligi penali. Forsi li ghall-ligijiet tal-MEPA, jew dak iz-zmien PAPB, hija l-esponenti li tibqa responsabbli minhabba li hija, ghall-grazzja tal-argument, l-applikanti. Izda ghall-ghajnejn il-ligi kriminali s-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti – ghaliex irid jigi ppruvat li persuna ghamlet xi haga jew li naqset li taghmel xi haga (l-element materjali) flimkien mal-intenzjoni, li dak li tkun ghamilt jew dak li tkun inqast li taghmel, ghamiltu ghax ridt u kont taf li qed tikser il-ligi. Bir- rispett, jigi sottomess illi l-esponenti ma tistax tinkwadra f'dan il-qafas u allura in mankanza tal-element intenzjonali, l-esponenti ghandha tigi ddikjarata mhux hatja u lliberata skond il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u biss ghall-grazzja tal- argument, *dato ma non concesso*, li l-esponenti hija l-persuna idonea sabiex tirrispondi ghall-imputazzjoni odjerna, u li s-***sit*** huwa serenament identifikabbli, l-kaz odjern jippostula diffikolta` ohra li certament kellu jkollha influwenza fuq il-kwistjoni tar-reita`. Din id-diffikolta` tirrigwarda d-*distanza* li qed tilmenta minnha l-prosekuzzjoni ossia b'kemm kellha tirtira l-gewwa l-esponenti.

Fil-11 ta` Ottubru 1991 Joe Camilleri, *building inspector*, jghidilna li l- imputata bniet b'ghaxar piedi aktar mill-linja approvata. Fl-10 ta` Dicembru 1992 Joe Pace, *land surveyor*, li kien mar fit-Triq Blat il- Qamar, jghid li l-bini tal-imputata kien fil-fatt il-barra u dan b'xi *nine feet*. (Infakkru li l-esponenti ma ghandha x'taqsam xejn ma' propjeta` fi Triq Blat il-Qamar u li Joe Camilleri jirreferi ghall-applikanti bhala Manwela Bonello – li mhijiex l-esponenti).

Mbaghad ghandna lil Gordon Schembri li esebixxa ritratt datat 13/10/05 (15:14:28) immarkat dok GSR1 fejn jidher 0.92m bi vlegga u taht hemm BL u l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkummentat illi suppost li dahlet il-gewwa 0.92m. Fit-13 ta` Frar 2006 rega tela jixhed Joe Pace (li fin-1992 kien semma xi *nine feet*) u meta muri ritratt mehud fit-13/10/2005 b'referenza ghall-kitba 0.92, u mistoqsi min kien ghamilha, jirrispondi illi kien hu li ghamilha u dana f'Marzu 2005.

Fid-dawl ta` dan kollu facli wiehed jerga jissottometti illi l-anqas id- distanza jew b'kemm tinsab id-diskrepanza fil-linja, ma tista tigi sodisfacentement stabbilita. U kwindi cirkostanza bhal din kelllu jkollha effett tali li l-esponenti kellha tigi ddikjarata mhux hatja. U dana ghaliex, jekk f'dawn ic-cirkostanzi tigi ddikjarata l-htija, l-esponenti ma liema distanza ser izzomm, mal-ghaxar piedi, ma circa *nine feet*, jew mal-0.92m (li huwa anqas minn metru u aktar qrib it-tlett piedi)?

Jerga jinghad bir-rispett illi dan mhux il-mod kif isiru l-provi li a bazi taghhom Qorti ta` Gustizzja Kriminali tigi mitluba ssib il-htija. Huwa f'dan il-kuntest ukoll li l-esponenti ghandha tigi ddikjarata mhux hatja u kwindi lliberata skond il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u biss ghall-grazzja tal- argument, *dato ma non concesso*, li l-esponenti hija l-persuna idonea sabiex tirrispondi ghall-imputazzjoni odjerna, u li s-***sit*** huwa serenament identifikabbli, l-kaz odjern jippostula diffikolta` ohra li certament kellu jkollha influwenza fuq il-kwistjoni tar-reita`.

Il-konfuzjoni li gia giet amplifikata fl-aggravji precedenti, tkompli tissahhah minhabba l-fatt illi hadd ghadu ma jaf sodisfacentement fuq xhiex qed tilmenta l-awtorita` (illum MEPA). Liema hija t-Triq Gdida li qeghda go Dr N. Zammit Street, Siggiewi? U jekk din hija identifikabbli, x'hemm hazin hemmhekk? U fejn tinkwadra l-esponenti f'dan kollu? Forsi l-MEPA ghandha diffikulta` go Triq Blat il-Qamar? U x'inhi din id-diffikulta` u kif tinkwadra l-esponenti? Jew forsi hemm xi diffikolta` dwar Hesri Valley? Hesri Valley ma jidhirx li qatt issemma f'dawn il-proceduri.

U jekk issa f'dan l-istadju inoltrat ta` dawn il-proceduri l-MEPA tigi tghidilna, "u iva hadna zball ta, ahna ridna nirreferu ghal Hesri Valley", ghandna minnufih nirriskontraw diffikolta` ohra. Sfortunatament il-MEPA tidher li qed taghlaq ghajnejha ghall-fatt li r-residenza tal-esponenti li tinsab "Anary", Hesri Valley, Siggiewi (kif jidher minn ritratti esebiti fl-atti processwali partikolarment ritratt GSR2 esebit minn Gordon Schembri fl-24 ta` April 2006) hija adjacenti miz-zewg nahat ma zewg propjetajiet, wahda konsistenti f'garaxx u l-ohra f'*terraced house*. Dawn iz-zewg propjetajiet imissu mar-residenza tal-esponenti u qeghdin fl-istess linja tal-bini taghha.

Tant din il-linja hija wahda ufficjali u rikonoxxuta mill-MEPA u mill- awtoritajiet ohra koncernati, illi l-garaxx li

jidher fuq in-naha tax-xellug tal-fond bl-isem “Anary” inti u thares lejn il-propjetajiet, huwa kopert **b’permess numru 01627/04** (Garage, Triq Wied Hesri, Siggiewi – applicant Mr Joe Bonello), u t-*terraced house* li tidher fuq in-naha tal- lemin hija koperta **b’permess 04835/01** (7, Triq Wied Hesri, Siggiewi – applicant Ms. Salvina Calleja).

Jekk allura ghall-grazzja tal-argument hawnhekk qed nitkellmu fuq ir- residenza tal-esponenti li tinsab “Anary”, Hesri Valley, Siggiewi (u din hija l-unika propjeta` li ghandha x’taqsam maghha l-esponenti), bir-rispett, l-ordni ta` twaqqiegh huwa kontro-sens stante li llum il-linja giet stabbilita bis-sahha taz-zewg permessi msemmija. Jista wiehed jikkoncepixxi l-ipotezi li l-MEPA setghet tat u harget dawn iz-zewg permessi filwaqt li ghad hemm problema fuq il-linja tal-bini? U allura mhux bilfors li fil-konfront tal-esponenti hemm xi zball x’imkien jekk il- propjeta` taghha “Anary”, Hesri Valley, Siggiewi tinsab fl-istess linja tal- bini adjacenti u kopert bil-permessi tal-Mepa!

Illi din ic-cirkostanza specjali tincidi fuq il-kwistjoni tar-reita` tant illi l- konkluzjoni naturali tac-cirkostanzi kif ezistenti hi li l-esponenti ghandha tigi ddikjarata mhux hatja u lliberata skond il-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess jinghad bir-rispett illi anki jekk ikollha tinstab il-htija, ma jistax ikun hemm ordni kif moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti presumibbilment ghat-twaqqiegh tax-xoghol li sar. *Dato ma non concesso* li hija l-esponenti li trid tobdi u tesegwixxi ordni tal- Qorti. Fic-cirkostanzi konfuzjonali, l-esponenti fejn ser tmur? Ser tmur go Triq Gdida li qeghda go Dr N. Zammit Street, Siggiewi? U liema hija din it-Triq? Tmur go Triq Blat il-Qamar? U hemmhekk x’ha taghmel jekk ma ghandha ebda propjeta`? Se tmur go Hesri Valley meta hadd qatt ma semma Hesri Valley fix-xhieda tieghu u l-anqas l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlet accenn ghal Hesri Valley?

In oltre, a bazi tal-argumentazzjoni maghmula fl-aggravju numru sitta (6) u tenut kont tal-fatt illi l-garaxx fuq in-naha tax-xellug adjacenti mal-fond tal-esponenti u t-*terraced house* fuq in-naha tal-lemin huma koperti bil- permessi **numri 01627/04** u **04835/01**, x'suppost ghandha taghmel l- esponenti jekk tigi rinfaccjata b'ordni ta` treggiegh lura? Tkun certament qed tohrog mill-linja stabbilita mill-MEPA stess ghall-propjetajiet adjacenti u ohrajn li hemm fl-istess Triq, mibnija wkoll mill-Gvern (dak iz-zmien mill-Awziljari).

Ghalhekk bir-rispett jigi sottomess illi ma hux fl-ahjar interess tal- gustizzja u wisq anqas fl-operat tal-Mepa li jkun hemm ordna ta` treggiegh lura. Apparti wkoll illi bir-rispett, ordni ghal treggiegh lura jew twaqqiegh ma ghandux sostenibilita` mill-atti odjerni.

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar, 2013 fejn id-difiza rrinunzjat ghall-aggravji kollha hlief dik tal-piena u ssuggeriet li l-multa tibqa` kif inhi pero` s-sentenza tigi riformata biss ghal dak li jirrigwarda l-ordni ta' twaqqieh.

Rat illi l-Avukat Generali aderixxa ghal dan is-suggeriment.

Fuq l-iskorta ta' dan il-verbal, il-Qorti taqta` w tiddeciedi li tilqa` in parti l-appell, tikonfermaha f'dik il-parti fejn sabet htija u mponiet multa ta' €232.94 izda thassaraha ghal dak li jirrigwarda l-ordni ta' twaqqiegh u l-imposizzjoni ta' penali fin-nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------